MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-5 ta' Jannar, 2013

Numru. 12/2013

Il-**Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**(Spettur Jesmond Micallef)**

**vs**

**Emmanuele Magro**

**Id No 910651(M)**

**Illum 5 ta' Jannar 2013**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Emmanuele Magro** ta' 61 sena, iben Giuseppe u Paola *nee'* Zerafa, mwieled in-Naxxar nhar l-14 ta' Novembru, 1951, u residenti gewwa l-fond bl-isem 'St. John', Flt 3, Trejqet Nicola Cotoner, Gzira, u detentur tal-karta tal-identita' numru 910651(M) u nakkuzawh;

1. Talli nhar l-4 ta' Jannar 2013, matul il-jum u cioe' ghall-habta ta' nofs inhar neqsin ghaxar minuti (11.50hrs) f'dawn il-Gzejjer u cioe' fi Triq il-Gzira, Gzira, kkommetta serq ta' portmoni kontenenti diversi oggetti fosthom flus kontanti li jammontaw ghal mija w dsatax-il ewro u dsatax-il centezmu (Ewro 119.19), minn gewwa vettura tat-tip Hyundai I20 bin-numru tar-registrazzjoni JSS-249, liema serq huwa kwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa w li sar ghad-detriment ta' Janette (Giovanna) Spiteri Staines u/jew ta' persuni ohra;

2. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f' dawn il-Gzejjer, xjentement, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe' ammont ta' flus kontanti fost oggetti ohra, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reati, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr Carol Peralta LL.D fid-digriet tieghu ta’ nhar id-29 ta’ Novembru 2012 li bih tat il-helsien mill-arrest taht garanzija personali u fost kundizzjonijiet ohra li ma jaghmilx reat iehor;

4. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr Jacqueline Padovani Grima LL.D fid-digriet tieghu li bih tat il-helsien mill-arrest taht garanzija personali u fost kundizzjonijiet ohra li ma jaghmilx reat iehor;

5. U finalment nakkuzawh ukoll talli sar recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi mghotija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Il-Qorti rat l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront ta’ l-akkuzat;

Rat id-dokumenti kollha prodotti;

Semghet l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat;

Rat l-Artikoli 49, 50,261, 271, 281, 289, 334 u 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena;

Il-Qorti ghalhekk issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmien (8) xhur.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------